# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur Dr. Leontine Calleja LL.D**

Udjenza nhar, 24 ta' Gunju, 2024

Avviz tat-Talba numru: 279/2023 CL

**Elmo Insurance Limited (C3500) kif debitament surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Luke Borg, kif ukoll l-istess Luke Borg(KI nru: 0404598M)**

**VERSUS**

**CRG Construction & Turnkey Limited (C80319)**

Ra t-talba li giet ipprezentat fid-9 ta' Awwissu 2023 fejn s-socjeta attrici talbet is-somma komplesssiva ta' disa' mija u disghin euro u disghin cemtezmu (€990.90) bhala danni li kien sofra r-rikorrenti Luke Borg assikurat mas-socjeta' rikorrenti Elmo Insurance Ltd li ghalihom ghamlet tajjeb is-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' €790.90 bhala indennizz favur l-assikurat taghha Luke Borg, flimkien mal-€200 policy eccess li Luke Borg sofra bhala danni in segwitu tal-incident li sehh fl-10 ta' Jannar 2022 fi Triq Salvu Cauchi, Hal Safi meta waqa' hajt ghal fuq l-istess vettura bin-numru LKE311 waqt illi l-vettura kienet ipparkjata.

Ghaldaqstant talbet sabiex is-socjeta konvenuta tigi iddikjarat responsabbli ghal incident li sehh fl-10 ta' Jannar 2022 u tigi ikkundanata thallas is-somma ta' disa' mija u disghin euro u disghin cemtezmu (€990.90) rapprezentanti danni subiti rizultat tal-incident. Bl-isepjjez, komprisi l-ittra ufficjali tat-30 ta' Marzu 2023 u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta konvenuta.

Ra l-verall tas-7 ta' Frar 2024 fejn minkejja li s-socjeta konvenuta giet nnotifikata ma pprezentatx risposta fiz-zmien moghti lilha bil-ligi u ghalhekk giet iddikjarata illi kienet kontumaci. Fl-istess seduta giet ipprezenta kapitolu fil-konfront tas-socjeta konvenuta. Fit-8 ta' Mejju 2024, is-socjeta konvenuta ma dehritx, minkejja li kienet msejha ghas-subizzjoni u b'hekk wara li semghet il-provi l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Semghet ix-xhieda ta' George Stagno Navarra, rapprezentant tas-socjeta attrici illi xehed illi l-ammont dovut lis-socjeta attrici kien ta' €790.90 filwaqt illi l-klijent taghhom Luke Borg kien hallas €200 excess u pprezenta kopja tal-ircevuta u spjegazzjoni tal-ispejjez li kienu *labour spray* u *loss of use* Dok GSN1.

It-Tribunal jikkunsidra;

Illi l-Artikolu 9(2)(a) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, "Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur – Ghandu jiżgura li kaz ghandu, daqskemm ikun possibbli, jinstema' u jinqata sommarjament fl-istess jum tas-smigh tieghu u li dak is- smigh ma jtulx iktar minn seduta wahda."

Il-paragrafu (b) ta' l-Artikolu 13 ta' l-istess imsemmi Kapitolu jiddisponi illi, "Jekk xi parti tonqos li tidher fid-data stabbilita ghas-smigh tal-kawza, id-disposizzjonijiet li gejjin ghandhom jghoddu ... Jekk il-konvenut jonqos li jidher, il-gudikatur jista jiddeċiedi l-kawza fin-nuqqas tal-konvenut u tista ssir ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut, u d- disposizzjonijiet tas-Sub-titolu VI tat-Titolu I tat-Tielet Ktieb tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, li jirrigwardaw l-ammissjoni bis-subizzjoni tal-konvenut fil-qrati inferjuri ghandhom jghoddu mutatis mutandis."

Ghalkemm kontumaci, tali stat silenzjuz ma jfissirx li l-parti konvenuta qed tammetti dak allegat u/jew pretiz mill-parti attrici, l'ghaliex xorta wahda jibqa' d-dmir ta' din l-ahhar parti li tipprova l-kaz taghha sa' dak il-grad probatorju rikjest mil-Ligi. Fill-kawza **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** ingahd illi "*ghalkemm il- konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni ta' abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda; imma, inveci, ghas-suppozizzjoni ta' rimessjoni ghall-gustizzja tat- tribunal.*[1]"

Fil-kaz prezenti u hekk kif registrat fl-udjenza tas-7 ta' Frar, 2024, minkejja li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata bl-atti processwali, la ressqet risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi u lanqas ma deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-udjenza msemmija li kienet tmiss wara n-notifika lilha ta' l-atti. Tali konvenuta, ghalhekk, kienet giet dikjarata fi stat ta' kontumacja, skond id-dettami tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-imsemmija udjenza. Izda ghalkemm kontumacja jehtieg li t-talba tas-socjeta attrici tigi sodisfacentament ipprovata.

Rat illi fit-8 ta' Mejju 2024 xehed George Stagno Navarra li ikkonferma li l-ammont kien ghadu dovut u ma kienx thallas ebda ammont. Ghalhekk, fid-dawl tal-appena indikati provi mressqa mis-socjeta attrici, u anke, izda mhux biss, bid-diskrezzjoni ekwitattiva vestita f'dan it-Tribunal, it-talba attrici timmerita li tigi milqugha peress li tressqu provi tajbin u sufficjenti li jsostnu dak mitlub mis-socjeta attrici fi procediment gudizzjarju bhal dan. Tali provi ma gew bl-ebda mod kontradetti u dan it-Tribunal ma jiddubitax mil-veracità u r-rilevanza taghhom.

Ghaldaqstant, it-Tribunal qieghed jilqa' t-talba tas-socjeta attrici u jiddikjara s-socjeta konvenuta responsabbli ghad-danni sofferti ikkawzati mill-incident u jikkundana lil-istess socjeta konvenuta thallas is-somma komplessiva ta' disa' mija u disghin euro u disghin cemtezmu (€990.90) rapprezentanti €790.90 danni ili thalsu mis-socjeta attrici, u €200 *eccess* imhallas minn Luke Borg. Bl-ispejjez tal-prezenti u bl-imghax mid-data tad-9 ta' Awwissu 2023[2] sal-hlas shih.

**Avukat, Leontine Calleja LL.D.**

**GUDIKATUR**

[1] Giuseppe Gerada v. Salvu Attard (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959)
[2] Data tal-kawza odjerna stante li ma gietx pprezentata kopja legali tal-ittra ufficjali,